**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Settembru 2018.**

**Talba Nru: 349/2018PA**

**GO plc**

**vs**

**Kyle Degiorgio**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat fis-27 ta' Lulju 2018 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt mija u tnejn u hamsin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€652.73c) dovuta in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 40599720, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ezekuttiva bin-numru 858/2017 u bl-imghax legali.

Ra d-dokumenti pprezentati mis-socjeta' attrici mal-Avviz tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-hlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta' din il-kawza (Dok. A, fol. 2); (ii) certifikat ta' amalgamazzjoni tas-socjeta' Mobisle Communications Limited mas-socjeta' attrici (Dok. B1, fol. 3); (iii) kopja tal-kuntratt li l-konvenut kellu mas-socjeta' attrici (Dok. B2, fol. 4); (iv) kopja tal-ittra ufficjali ezekuttiva bin-numru 858/2017 (Dok. C, fol. 5); u (v) estratt mir-Registru Elettorali li juri l-indirizz registrat tal-konvenut (Dok. D, fol. 6).

Ra li l-konvenut kienet debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u bl-Avviz tas-Smigh, pero' baqa' ma pprezentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawza.

Ra li fl-udjenza tad-19 ta' Settembru 2018, is-socjeta' attrici pprezentat nota li permezz tagha cediet it-talba fil-mertu, pero' zammet ferm il-kap tal-imghax u l-ispejjez, bi tnaqqis tas-somma ta' sebgha u tletin Ewro u ghoxrin centezmu (€37.20c) li l-konvenut hallasha oltre s-somma mitluba fil-mori tal-kawza.

Sema' x-xiehda ta' Maryanne Camilleri ghas-socjeta' attrici b'sostenn ta' dan.

Jidhirlu li din it-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta ampjament pruvata, fil-kontumacja tal-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba fil-mertu, jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici il-bilanc tal-imghax u l-ispejjez kif mitluba fl-Avviz tat-Talba, wara li titnaqqas is-somma ga mhallsa ta' sebgha u tletin Ewro u ghoxrin centezmu (€37.20c).

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Gudikatur**